VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,969, 25 ta' Settembru, 2012
Taqsima B

A.L. 304 tal-2012

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti tal-2012 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar deroga għall-Istaġun tal-Insib fil-Ħarifa tal-2012 għall-Malvizz u l-Pluviera)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u skont id-disposizzjonijiet tar-regolament 10(6)(t) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u tar-regolamenti 3 u 6 tar-Regolamenti tal-2012 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera), il-Ministru għat-Turiżmu, l-Ambjent u l-Kultura għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2012 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar deroga għall-Istaġun tal-Insib fil-Ħarifa tal-2012 għall-Malvizz u l-Pluviera).

Tifsir.

L.S. 504.71

2. Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsir bħal dak mogħti fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi" u fir-Regolamenti tal-2012 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera).

Jiġi stabbilit l-istaġun.

3. Għall-finijiet li jiġi stabbilit l-istaġun tal-insib fil-Ħarifa taħt ir-regolament 10(6)(t)(i),(ii) u (iii) tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi, u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-perjodu għall-insib ta' Malvizz u Pluviera għas-sena 2012, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-istaġun għall-insib fil-Ħarifa", għandu jkun fid-dati li ġejjin:

(a) l-insib għall-Malvizz għandu jsir bejn l-20 ta' Ottubru 2012 u l-31 ta' Diċembru 2012, iż-żewġ dati inklużi;

(b) l-insib għall-Pluviera għandu jsir bejn l-20 ta' Ottubru 2012 u l-10 ta' Jannar 2013, iż-żewġ dati inklużi.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Insib skont il-qafas stabbilit.

4. Għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-istaġun tal-insib fil-Ħarifa għandu jkun skont id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2012 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera).

Kwoti.

5. (1) Il-liċenza għall-insib fil-Ħarifa, li għandha tinħareġ mal-ħlas ta' dritt nominali ta' żewġ euro (€2), għandha tistabbilixxi l-kwota komplessiva staġjonali għall-istaġun tal-insib fil-Ħarifa ta' 5,000 għall-Malvizz u ta' 1,150 għall-Pluviera bħala l-għadd totali ta' għasafar li jistgħu jinqabdu bl-insib taħt l-awtorità tal-liċenzi kollha maħruġa meħudin flimkien.

(2) Il-liċenza għall-insib fil-Ħarifa għandha tistabbilixxi l-kwota ta' ġurnata waħda għal total ta' tliet (3) għasafar u l-kwota għall-istaġun tal-insib fil-Ħarifa għal total ta' sitt (6) għasafar jew dak l-għadd ta' għasafar taħt l-imsemmija numri li jistgħu jkunu ġew maqbuda bl-insib qabel ma jkun għalaq l-istaġun.